MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 184/2012

**A B C**

**vs.**

**Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar u il-PL Joeline Pace Ciscaldi gew nominati b'digriet tad-9 ta' Novembru, 2012 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti D E B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat iżżewġu fis-16 ta' Settembru 2008 kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala **Dok. COS1** meta t-tifla tagħhom Y K B C kellha għaxar (10) xhur *stante* li din twieldet nhar is-6 ta' Novembru 2007 kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri hawn anness u mmarkat bħala **Dok. COS2**;

2. Illi ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser għal raġunijiet imputabbli esklussivament lill-intimat fosthom iżda mhux limitatament minħabba abbandun tal-familja u l-ħajja familjari u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

3. Illi l-intimat ilu ma jgħix mar-rikorrenti minn Awwissu 2009 meta habta u sabta telaq mid-dar matrimonjali u sussegwentement l-istess intimat hedded lir-rikorrenti li kien ser jahrab barra minn Malta bil-minuri izda wara li gie mkellem mill-Pulizija l-intimat harab barra mill-pajjiz. Kien biss wara li l-intimat harab barra mill-pajjiz li r-rikorrenti saret taf li ma kienx ghadu f'pajjizna. Dan kien f'Awissu 2009. ghalkemm il-kuntatt bejn il-partijiet ma nqatax b'mod komplet u assolut stante li l-imsemmi D E B baqa` jigi hawn Malta qisu darba fis-sena, r-rikorrenti tiddikjara li d-drabi meta jikkomunika maghha jkun principalment sabiex tiffirmalu d-dokumenti sabiex ikun jista jibqa gewwa l-Ewropa u biex jistaqsiha jekk hux qed taqla' flus u xejn aktar. Jidher car li l-intimat m'ghandu ebda intenzjoni li jerga' jigi jghix Malta, tant li huwa qata' kull kuntatt mar-rikorrenti (hlief ghall-komunikazzjoni rari msemmija aktar 'il fuq u li tkun necessarja ghalih sabiex jottjeni dak li jkun irid) u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

4. Illi l-intimat abbanduna wkoll lill-minuri bintu Y tant li lanqas biss iċempel jew jipprova jżomm kuntatt magħha b'mod regolari u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

5. Illi l-intimat jirrifjuta li jhallas manteniment ghall-imsemmija minuri u dank if ser jigi pruvat ukoll fil-mori tal-kawza;

6. Illi l-intimat dahal ghal dan iz-zwieg ghal ragunijiet ta’ konvenjenza u xejn aktar, tant li r-rikorrenti diga’ intavolat proceduri separati u li permezz taghhom qieghda titlob lil din il-Qorit sabiex tiddikjara z-zwieg taghhom null u bla effett fil-ligi;

7. Illi sa’ mill-ġurnata tat-twelid tal-minuri, u b’mod speċjali minn Awwissu 2009 meta l-intimat telaq minn din il-gżira biex jaħdem barra, dejjem kienet ir-rikorrenti li ħadet ħsieb lill-minuri u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

7. Illi huwa fl-aħjar interessi tal-minuri li r-rikorrenti tkun fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri Y u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

8. Illi *stante* li l-intimat ma jgħix hawn Malta, l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma setgħetx isseħħ u għalhekk ir-rikorrenti ġiet awtorizzata tipproċedi għas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet datat it-8 ta’ Awissu 2012 (ara **Dok. COS3** hawn anness);

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet fl-ismijiet premessi minħabba raġunijiet imputabbli unikament lill-intimat;
2) Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Y K B C f’idejn ir-rikorrenti b’mod esklussiv;
3) Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tapplika u tintavola d-dokumentazzjoni necessarja kollha, inkluz applikazzjonijiet ghal hrug ta’ passaport ghall-minuri Y K B C minghajr il-bzonn ta’ firma jew il-kunsens tal-intimat;
4) Tawtorizza lir-rikorrenti issiefer mal-minuri Y K B C minghajr il-bzonn tal-firma jew il-kunsens tal-intimat;

5) Tiffissa u tillikwida somma adegwata ghall-manteniment ghall-minuri, liema manteniment ghandu jinkludi ukoll l-edukazzjoni u sahha tal-istess minuri;
6) Tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti din is-somma hekk likwidata minn din il-Qorti f'data ffissata minn din l-istess Qorti kull xahar permezz ta' pagament dirett f'kont bankarju tal-istess rikorrenti ndikat minnha stess;
7) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu tal-manteniment;
8) Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lir-rikorrenti u l-oħra lill-intimat, occorrendo billi jiġi nominat perit, nutar biex jirċievi l-att opportun u kuratur biex jirrapreżenta l-kontumaċi fuq l-istess att;
9) Tillikwida l-assi parafernali tar-rikorrenti u tassenja l-istess assi lir-rikorrenti;
10) Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;
11) Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti għal kunjomha xebba u cioe' C.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat inġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-kuraturi deputati, li in forza taghha huma eccepew :

1. Illi l-esponenti gew a konjizzjoni tal-fatti kif indikati mill-persuna assenti minnhom rapprezentata u ghalhekk qed iressqu din ir-risposta ulterjuri;
2. Illi l-attrici qed tibbaza it-talbiet taghha fuq allegazzjonijiet foloz stante li filwaqt li qed taghti storja storta ta' kif iz-zwieg tal-partijiet ma rnexxiex, qed tahbi l-fatt li bhalma ghamlet l-attrici fiz-zwieg precedenti taghha, hi mhi vittma xejn ta' dan it-tkissir taz-zwieg izda hija proprju l-persuna li b'mod kalkolat kissritu u qed tirrikorri ghal kull manuvra possibbli biex izzomm lil zewgha boghod minn Malta, u dan minghajr ma qatt naqasha f'xejn, kif ahjar espost fl-affidavit anness;
3. Illi fic-cirkostanzi is-separazzjoni ghandha tigi dikjarata ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici;
4. Illi fic-cirkostanzi ghandu jigi rizervat access ampju favur D B ghal bintu Y K B C, kull meta dan ikun possibbli;
5. Illi ghandu jigi dikjarat li l-attrici ddekadiet mid-dritt ta' manteniment minn ghand zewgha, izda zewgha ma ddekadiex mid-dritt li jitlob manteniment minghand martu;
6. Illi s-sanzjonijet komminati f'Artikolu 48 m'ghandhomx japplikaw fil-konfront tal-esponent imma fil-konfront tal-attrici;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

**<u>Ix-xhieda li giet prodotta</u>**

Illi xehdet l-attrici li qalet li ltaqet mal-konvenut fis-sena 2006 f'diskoteka f'Paceville, l-ghada ddecidew li jergu jiltaqghu Bugibba u l-konvenut talabha tixtri l-ikel ghalihom it-tnejn u ghal shabu wkoll. Kien halliha f'dan il-hanut tat-takeaway u hi kellha thallas ghall-ikel kollu. Meta wasal il-konvenut qalilha li kien ghadu kif gej mill-quddiesa u dik il-haga kienet impressjonatha peress li l-ewwel ragel taghha kien Musulman u wara l-annullament hi kienet saret vicina hafna mar-religjon u ma ratx illi l-

konvenut kien persuna normali dak iz-zmien peress li kien daqshekk dedikat lejn Alla, allura kienet hasbet li kienet finalment sabet persuna illi jirrispettaha u li setghet tibni hajjitha mieghu u taghmel familja mieghu . Il-konvenut ma bediex ihalliha wahedha, kien anka jmur maghha meta kienet tkanta u kien ikun maghha meta kienet ser tithallas u jfakkarha biex ma titlaqx minghajr ma tithallas. Wara ftit granet, kien beda jinsisti biex hi tmur tghix mieghu u ma shabu fl-appartament f'Bugibba u hi hekk ghamlet. Meta marret tghix mal-konvenut, shabu bdew jghidulha li kellha thallas il-kera hi peress li kienet Maltija u kienet l-unika wahda b'xoghol u paga fissa u hi hasset li kellha thallas sehmha, specjalment wara li l-konvenut beda jitlobha l-flus u biex thallas il-kontijiet u l-affarijiet ta' kuljum biex jixtru l-ikel u affarijiet ghall-appartament. F'temp ta' ftit gimghat sabet ruhha tmantni erba` persuni. Anka meta kienu johorgu, kienet tiehu hsieb lill-konvenut u lil shabu  u twassalhom minn diskoteka ghall-ohra. Il-konvenut kien jghidilha li kien ihobbha u xtaq illi jghixu hajja ta' familja normali flimkien . Wara ftit iddecidew li jitilqu mill-appartament ta' shabu. Sabu post San Pawl il-Bahar biex il-konvenut ma tantx ikun boghod minn shabu li kienu jghixu Bugibba, San Pawl il-Bahar u l-Qawra u ghalkemm l-attrici qaltlu li kellha l-post taghha Marsascala, il-konvenut ried biss ikun hdejn shabu li kienu l-aktar nies important f'hajtu. Ghal darb' ohra, meta marru jghixu f'dan l-appartament ta' San Pawl il-Bahar, kienet l-attrici biss li kienet thallas ghall-ispejjez kollha. L-attrici hassitha mahbuba mill-konvenut illi kien juza diskors helu hafna maghha, izda peress li kienet ghadha hierga minn zwieg iebes hafna ma' Marokkin, bezghet tghid lill-genituri fir-rigward tal-konvenut, izda minhabba li missierha kien l-aktar bniedem important f'hajjitha, qaltlu li kellha gharus u bdiet tibki u finalment kellha tghid lil missierha li l-gharus taghha kien gej minn Nigerja, izda missierha kien qalilha li ma kinitx problema mbasta kien jirrispettaha u sa dak iz-zmien il-konvenut kien jirrispettaha u ghalhekk iddecidiet li tiehdu d-dar. Meta haditu d-dar, il-konvenut liebes l-ahjar ilbies li kellu, ha l-bibja f'idejh u beda jghid lil ommha u lil missierha 'sir' u 'madam' u ghalhekk rebahhom mal-ewwel. L-attrici kompliet tixhed li l-konvenut ried li hi tohrog tqila b'tarbija tieghu u kien qalilha li jekk ma taghmilx hekk, qatt ma kien ser ikollha tfal. Kellha tiehu hsieb kollox hi f'dan ir-rigward, tmur ghand il-ginekologa u biex kien imur maghha il-konvenut,  wara li sar jaf li harget tqila, kien ikollha targumenta hafna mieghu u kienet tispicca tmur wahedha hafna drabi.

Dak iz-zmien bdiet tara li l-karattru tal-konvenut beda jinbidel ghax beda jqatta` hafna aktar hin ma' shabu u ma jmurx maghha ghall-appuntamenti ghand it-tabib jew ghall-laqghat mal-familjari u hbieb taghha. Meta l-attrici xtaqet tibda tghix fl-appartament taghha Marsascala ghaliex hasset li bdiet tahli l-flus fil-kera, kienet inqalet glieda kbira mal-konvenut peress li ma ridx jallontana ruhhu minn ma shabu. Huma ma kienux mizzewgin, il-konvenut ma kellux permess biex joqghod Malta u ghalhekk fl-ahhar accetta li jmorru jghixu fid-dar taghha Marsascala meta titwieled it-tarbija. Il-konvenut talab lill-attrici biex iggiblu residence permit biex hu jkun jista' jibqa Malta u dana peress li kienet qeghda tistenna t-tarbija tieghu. Hi hasbet li hu kien genwin u ghalhekk irnexxielha ggiblu r-residence u work permit bil-kundizzjoni li jew jsib xoghol jew inkella jizzewgu. Il-konvenut ma kienx imur ifittex xoghol wahdu u kellha terga` tintervjeni hi biex isiblu xoghol f'lukanda prestigjuza fil-Furjana. Kienet anke xtratlu karozza biex imur ix-xoghol biha izda wara x-xoghol il-konvenut kien imur ghand shabu u kien jigi d-dar tard.

L-attrici kompliet tixhed li dak in-nhar li twieldet it-tarbija kienet wahedha u kellha ssuq l-isptar wahedha minn San Pawl il-Bahar. Wara li ghamelet tnax-il siegha biex twelled it-tarbija, il-konvenut kien gie ghal ghoxrin minuta biss minghajr ma qalilha fejn kien sejjer. Kienu shabha u l-genituri taghha li kienu joqghodu maghha kulljum izda l-konvenut kien jigi u jdum biss tletin minuta bl-iskuza li kien jobghod joqghod gol-isptarijiet. Wara l-isptar marret dritt id-dar taghha Marsascala u spjegat li f' din id-dar il-konvenut ma kien ikkontribwixxa xejn, l-anqas id-dejn li kienet ghadha qeghda thallas fuqha u affarijiet relatati mat-tarbija bhal tobba u halib eccetra, kellha thallas kollox hi ghaliex hu kien jghidilha li ma kellux flus u li hi kellha bizzejjed biex thallas kollox hi. Il-konvenut baqa` jmur hdejn shabu u jirritorna d-dar tard bil-lejl ghal habta tas-siegha ta' fil-ghodu meta t-tarbija tkun rieqda, ghalhekk bdiet tqatta l-maggoranza tal-hin fid-dar ta' habiba taghha N J, blokk il-boghod minn fejn kienet toqghod hi. N kienet omm ta' hamest itfal u ghallmitha kollox hi kif tiehu hsieb lit-tarbija. L-attrici xehdet li N pprovat tifthilha ghajnejha diversi drabi dwar il-konvenut, izda hi kienet thobbu hafna u ghalhekk kienet tiddefendih ma shabha u taghmillu l-iskuzi. Meta t-tarbija kellha

madwar tlett xhur, tal-PBS talbuha sabiex terga` tidhol ghal YY Festival u hija accettat. Kellha bzonn lil xi hadd li joqghodilha mat-tarbija, izda l-konvenut qalilha li hu ma kienx jaf kif u li kien ahjar li thalli t-tarbija ma' ommha u hi hekk ghamlet. Kienet jew thalliha ma' ommha jew ma' N jew fid-dar mal-kugini taghha, izda qatt ma kienet thalliha mal-konvenut ghaliex dan qatt ma ried. Wara ftit zmien, il-konvenut rega` beda jitkellem dwar iz-zwieg ghaliex kien ighid li ma kienx tajjeb ghat-tifla taghhom li l-genituri taghha ma jkunux mizzewgin u li kien ser ikollha l-problemi meta tibda l-iskola. Wara hafna diskussjonijiet, l-attrici kkonvinciet ruhha li kien ahjar li tizzewweg lill-konvenut peress li beda jispicca minghajr permessi u kien jista` jibqa Malta biss jekk jizzewgu. Dak iz-zmien l-attrici xehdet li hi u l-konvenut kienu jiggieldu hafna u ghalhekk il-konvenut dam ma kkonvinciha biex jizzewgu, anke peress li l-attrici kienet ghaddiet diga minn esperjenza qarsa fiz-zwieg precedenti taghha. L-attrici xehdet li l-konvenut kien jistmaha hazin, kien jghidilha li ma ridx jidher fil-pubbliku maghha u li kienet “disgrace” ghalih. Kienu biss il-hbieb taghha N u W li kienu jafu kif verament kien jittrattha l-konvenut .

L-attrici kompliet tixhed li wara dan kollu, il-konvenut ikkonviciha biex jizzewwgu bic-civil u hi ghamlet hekk, anke biex iggiblu l-permessi biex jibqa Malta. Izzewgu fis-sena elfejn u tmienja, dakinhar stess kienu ggieldu izda zzewgitu biex tehles mit-tensjoni ta' permessi ghall-konvenut u bdiet tahseb biex ikollha tarbija ohra mill-konvenut. L-attrici spjegat li minhabba xogholha, gieli kien ikollha ssiefer barra minn Malta fuq xoghol izda l-konvenut qatt ma zamm lit-tarbija . Darba minnhom kienet hallietha ma' N. N kellha bzonn tmur id-dar tal-attrici biex iggib xi hwejjeg ghat-tarbija u skont l-attrici l-konvenut kien ittantaha. Lejn l-ahhar tas-sena elfejn u tmienja, is-sahha ta' missier l-attrici bdiet tmur ghall-aghar u kienu l-ahhar xhur ta' hajtu. L-attrici kienet hadet sehem fil-YY, kienet impenjata hafna u halliet il-problemi taz-zwieg fil-gemb. Kompliet tghid li missierha miet fil-bidu ta' Dicembru. Dak iz-zmien kienet qeghda tiehu hsieb ukoll lil ommha u ddecidiet li tiehu sehem fil-YY u rebhet. Dan kien ifisser li kellha tieqaf tahdem u kienet se tkun minghajr paga. Dak iz-zmien il-konvenut kellu problemi mal-kollegi tieghu fuq il-post tax-xoghol u fl-ahhar waqaf jahdem u beda jkun id-dar. Haseb li bil-

XX huma kienu ser ikunu sinjuri, mentri dan ma kienx il-kaz. Kien jitlobha hamsin euro kull jum biex johrog ma' shabu u biex tevita l-glied kienet taghtihomlu. Kien imur maghha fuq programmi televizivi. Darba minnhom kellu incident bil-karozza u meta marret biex tghinu, sabitu ma mara ohra. Kellhom glieda kbira u darb' ohra kien anke mar ghand ommha u kien hemm mara ohra mieghu u dahlilha suspett li kien qed jara nisa ohrajn, izda ma setghetx tahli energija ghaliex kellha hafna mpenji minhabba li kienet rebhet il-festival tal-YY. F'xi zmien wara l-attrici ndunat bil-karattru veru tal-konvenut u anke ommha kienet fethitilha ghajnejha fuq dan ir-rigward u meta kkonfrontat lill-konvenut, qabdet tibki u qaltlu li z-zwieg taghhom kien falla u hu qalilha li kien se jitlaq u ser imur ghand il-hbieb tieghu. Minn dakinhar il-konvenut kien jigi d-dar fis-sakra u kien jorqod fl-ispare bedroom u ma kienx ikellimha. Kienet hadet lill-konvenut ghand patri, Wied il-Ghajn biex jippruvaw jirrangaw. Meta l-konvenut induna li ma kienx hemm tama ghaz-zwieg taghhom, l-ewwel kien ipprova jikkonvinci lill-familjari tal-attrici illi kien ser jinbidel u meta kien jigi d-dar kien ikun aggressiv verbalment u wkoll fizikament. Meta kienet tirritorna d-dar mix-xoghol, kien jistaqsiha kemm gabet flus maghha d-dar. Eventwalment il-konvenut sar vjolenti, beda jsawwatha u jheddidha b'hajjitha u li se jisraqilha lil bintha. Kellha ghalhekk taghmel rapport mal-pulizija. Eventwalment, darba minnhom l-attrici rceviet sms minghand il-konvenut fejn qalilha li kellu jmur lura f'pajjizu ghax mietlu huh, izda meta ccekjat ma shabu dawn qalulha li ma kien minnu xejn u li huh kien ghadu haj, izda ma qalulhiex fejn kien mar il-konvenut. Hi pprovat iccempillu diversi drabi izda ma rnexxilhiex tintraccah. Wara dakinhar ratu biss darbtejn, darba biex igedded il-passaport u darba ohra talabha tiffirmalu xi karti u hi ffirmatlu ghaliex kienet tibza minnu. Wara li telaq ma setghat tikkuntatjah bl-ebda mod u saret taf mill-bank illi l-konvenut kien hadilha l-flus kollha li kellhom fil-kont bankarju taghhom. Sabet ruhha ta' tlieta u tletin sena li kellha terga` tibda mill-bidu minghajr flus, l-anqas minghand il-gvern, peress li kienet ghada legalment mizzewga mal-konvenut. Indunat li l-konvenut kien jinqeda b'isimha peress li kienet popolari anka meta harab u telaq l-Ewropa.

L-attrici xehdet illi hija ghadha tibza mill-konvenut u tibza li jihdilha lil binthom u l-affarijiet taghha peress li hu mohhu biss fil-flus u ghalhekk xtaqet li tehles minn mal-konvenut u ma tibqax mizzewga mieghu.

Il-Qorti rat ukoll ix-xiehda ta' L G, habib tal-attrici, illi xehed dwar meta l-attrici ghall-ewwel bdiet tohrog mal-konvenut. Hu qal illi meta bdiet tohrog mal-konvenut, hu kien wissa lill-attrici biex toqghod attenta peress li kien jaf bl-esperjenza hazina li kienet ghaddiet minnha fl-ewwel zwieg taghha. Kien iltaqa` mal-konvenut u l-ewwel impressjoni li ha kienet wahda tajba peress li l-konvenut deher ragel tal-affari tieghu u religjuz hafna u ghalhekk kien kuntent meta l-attrici qaltlu li kienet se tizzewweg lill-konvenut, ghaliex haseb li kienet ferhana u finalment sabet lil xi hadd li verament kien ihobbha. L G xehed illi wara z-zwieg u wara l-XX kollox inbidel mill-lejl ghan-nhar. Huwa ra lill-konvenut bhala bniedem differenti. Hu nduna li l-attrici kienet ser tghaddi minn trauma akbar peress illi issa kien hemm it-tifla taghha involuta. Dak iz-zmien, l-attrici kellha disfatta fil-XX, miet missierha li kien kollox ghaliha u issa kien ukoll qed jitkisser iz-zwieg taghha u ma riditx temmen kif il-konvenut irnexxielu jidhaq biha u kulhadd dahhalha f'nassa ghall-iskopijiet tieghu. Darba minnhom l-attrici kienet giet liebsa nuccali tax-xemx f'temp griz u xitwi u nfaqet tibki u qaltlu li l-konvenut kien telaqha u ma kinitx taf fejn kien jinsab u hallieha tfendi wahedha ma binthom. L G xehed li llum –il gurnata l-attrici qed tiehu hsieb lit-tifla wahedha, anka bl-ghajnuna ta' ommha, peress illi l-konvenut sparixxa. L G ghalaq ix-xiehda tieghu billi qal illi l-konvenut dahaq bih u bl-attrici ghax wera wicc b'iehor biex akkwista d-dritt li jibqa joqghod f'Malta u fl-Ewropa.

Illi xehdet ukoll omm l-attrici M C u qalet illi ghall-ewwel hasbet illi l-konvenut kien ragel sew, izda l-opinjoni taghha dwaru nbidlet kif bintha harget tqila bit-tarbija Y u dan peress li l-konvenut kien ihalliha wahedha d-dar biex imur johrog mal-hbieb tieghu. Anka meta bintha kienet tkun impenjata bix-xoghol tal-kant, qatt ma ried izomm lil binthom u kien jisfurzaha biex jiehu lit-tifla ghandha. Meta l-attrici kienet issiefer fuq xoghol, it-tifla kienet jew tkun ghandha jew ghand xi kugina jew habiba tal-attrici izda qatt mal-konvenut missierha. Omm l-attrici kompliet tixhed

illi l-konvenut kien qalilha li ghalih dak li jigi l-ewwel huwa x-xalar ma shabu u illi jkun mdawwar bit-tfajliet u jixrob u jhallsulu kollox huma u hi kienet ukoll indunat li kien ossessjonat fuq il-flus. Omm l-attrici qalet finalment illi taf illi l-konvenut dahak b'bintha u kkonvinciha biex ikollha tarbija minghandu u biex tizzewgu sabiex hu jkun hieles li jibqa f'Malta u anke fl-Ewropa minghajr problem ta' xejn.

Illi xehdet ukoll N J, il-habiba tal-attrici u qalet illi meta twieldet it-tifla tal-partijiet Y, l-attrici bdiet tqatta l-parti l-kbira tal-gurnata fid-dar taghha peress illi l-konvenut qatt ma kien ikun maghha, dejjem kien ikun ma shabu u jirritorna lura tard bil-lejl jew kmieni fil-ghodu. L-attrici kienet tghidilha li mhux sew li l-konvenut ma kienx jaghtiha flus izda kien ikollha taghtih il-flus hi biex johrog ma shabu. L-attrici kienet tibki maghha spiss, tghidilha li hi mdejqa u gieli wrietha xi tbengil li kien jaghmlilha l-konvenut meta kien isawwatha. Il-konvenut kien jiehu lill-hbieb tieghu d-dar u l-attrici ma kinitx thossha sigura u ghalhekk kienet tmur ghand il-habiba taghha N. Hafna drabi meta kien ikollha ssiefer fuq xoghol kienet thalli lit-tifla maghha peress li l-konvenut kien jirrifjuta illi jzommha hu. N J xehdet ukoll li darba minnhom il-konvenut kien ipprova jittantha. Kienet qalet lil zewgha u kellha wkoll tghid lill-attrici.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut xehed illi ma kien minnu xejn li qarraq bl-attrici u illi z-zwieg m'huwiex vizzjat u l-kunsens tieghu ghaz-zwieg ma kien bl-ebda mod vizzjat u l-anqas dak tal-attrici minhabba illi huwa qarraq biha. Hu qal anzi illi hu kien genwin izda l-attrici fasslet pjan biex tibghatu barra minn Malta u timblokkah milli jerga` jidhol lura f'Malta. Huwa pprezenta affidavit bix-xiehda tieghu fejn qal illi wasal Malta fl-2004 u fl-2006 iltaqa mal-attrici Paceville. Skont il-konvenut, kienet l-attrici illi xtaqet tkellmu u fil-fatt kellimha u ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu offriet illi twasslu id-dar bil-karozza taghha u hekk gara.  L-ghada wara il-quddies sab lill-attrici tistennih.  Staqsietu riedx imur jiekol xi haga maghha u hekk gara. Umbaghad wara li kielu stiedina tmur il-flat tieghu u hi marret hemm

hekk mieghu u qaghdu jitkellmu u jaraw films flimkien. Fl-ahhar qaltlu li kienet mizzewga, izda li ma kienitx ghadha mar-ragel taghha u hu qalilha li kellha tmur lura mar-ragel taghha, izda qaltlu li kienet qeghda tissepara minn mieghu. Skont il-konvenut l-attrici baqghet tmur il-flat tieghu. Hu qalilha biex ma tmurx ghaliex ma kienx sew li kienet qeghda taghmel hekk meta kienet ghadha ma isseparatx minn mal-ewwel ragel taghha, izda l-attrici insistiet li tibqa tmur u kienet anke tmur minghajr ma tghidlu qabel. Biz-zmien, qaltlu li isseparat minn mar-ragel taghha u ghalhekk bdew relazzjoni flimkien. Skont il-konvenut l-attrici kienet tiehu xi drogi. Hu kien jghidilha li ma setghux ikunu flimkien ghaliex hu kien kattoliku u allura irridu jkunu mizzewgin biex jghixu flimkien u kien qalilha illi kellha tiddivorzja minn mal-ewwel ragel taghha. Kien jghidilha ukoll illi ma riedx ikun f'relazzjoni ma mara famuza ghaliex dejjem kienu ser ikunu f'ghajnejn il-pubbliku, izda hi kienet tibqa tigri warajh u tisseducih u ma kienitx taccetta ir-rifjut tieghu. Skont il-konvenut, meta l-attrici ghalqet 29 sena, kellha festa f'gheluq snina, stiednitu, mar u wara il-festa isseducietu u saru intimi. Kienu intimi ukoll f'okkazjonijiet ohrajn sussegwenti u wara ftit xhur l-attrici qaltlu li kienet harget tqila minghandu u riedet li tifforma familja mieghu. Qaltlu ukoll illi kellha kawza ta' annullament fir-rigward tal-ewwel zwieg taghha u haditu ghand ommha u missierha. Dan kollu gara fl-2007. Hu kien mar f'pajjizu u informa lill-familjari tieghu li kien qieghed jippjana li jizzewweg tfajla Maltija u jghix maghha f'Malta. Taha ic-cwievet tal-flat tieghu, qalilha biex tigbor l-affarijiet tieghu u tirritorna ic-cwievet lis-sid u meta gie lura Malta marret ghalih u haditu f'dar li kienet kriet f'San Pawl il-Bahar, fejn kienet poggiet l-affarijiet tieghu u bdew jghixu hemm hekk. Il-konvenut xehed illi beda jahli flusu kollha li kien jaqla mill-impjieg tieghu biex ilestu id-dar illi l-attrici kienet xtrat f'isimha f'Wied il-Ghajn. Il-konvenut xehed illi huwa minn flusu kien lesta il-post tal-attrici f'Wied il-Ghajn u wara it-twelid tat-tarbija taghhom hadha hemm hekk b'sorpriza. Dak iz-zmien kien ghadu qieghed jahdem u jhallas it-taxxa regolarment f'Malta. Fis-sena 2008, biddel l-impjieg tieghu u beda jadhem l-Excelsior u ftiehem mal-attrici li meta tottjeni l-annullament mill-ewwel zwieg taghha hi u hu jizzewgu u baqghu jghixu flimkien bhala familja. Finalment l-attrici ottjeniet l-annullament fir-rigward tal-ewwel zwieg taghha u kien ghalhekk illi f'Settembru tal-2008 izzewgu. Ftit wara iz-zwieg kienu marru l-Italja jaraw lill-oht l-attrici hemm hekk, li hija mizzewga Taljan u

kienu qaghdu maghhom hemm hekk u skont il-konvenut l-attrici kienet ittradietu mar-ragel ta' ohtha, izda kien hafrilha. Skont il-konvenut l-attrici kienet issiefer fuq xoghol, ma setghux jiehdu lit-tarbija maghhom u ghalhekk, skont hu, kien jew izomm it-tarbija hu, jew ihallulha mal-familjari, jew hbieb. Skont hu kienet issiefer u tohrog minghajr ma tghidlu u kienet tkun ma irgiel mhux mizzewga, ma omosesswali ukoll u hu kien jaccetta li hi kienet taghmel hekk. Missierha kien marad u sfortunatament miet. Sussegwentement A irrapprezentat lil Malta fil-XX ir-Russia u hu kien mar ir-Russia maghha u hallas minn butu. A kienet marret hazin u kienet qisha iggennet u qatt ma kienet tkun id-dar. Kienet tohrog spiss l-aktar nhar ta' Gimgha u nhar ta' Sibt u hu kien ikollu jahseb biex isajjar ghalih u biex jiehu hsieb lit-tifla taghhom. Skont il-konvenut darba minnhom hassu ma jiflahx, telaq mid-dar kmieni, ma sabx lill-attrici id-dar u sabha il-Fuego ma ragel u meta ratu telqet tigri 'il barra. Kienu illettikaw u l-attrici kienet qaltlu illi tohrog ma min trid u li ma kellux dritt ikun jaf fejn ser tkun. Skont il-konvenut l-attrici kienet qeghda tittradih. Huwa kien ghamel erba' xhur minghajr impjieg u sussegwentement sab impjieg iehor. Il-konvenut xehed illi l-attrici qaltlu illi jekk issiefer bhal kuginuha kien jaghmel aktar flus. Insistiet illi jmur jahdem barra minn Malta u darba minnhom qaltlu illi jekk ma isibx dan l-impjieg kienet ser tkeccih mid-dar. Kienu kellmu qassis certu Father Walter flimkien, izda skont il-konvenut l-attrici insistiet li kellu johrog mid-dar jekk ma isibx impjieg barra minn Malta u il-qassis qallu biex jaghmel hekk u ghalhekk sab job f'lukanda l-Izvezzja u skont hu l-attrici kienet hafna kuntenta b'dan il-fatt. Skont il-konvenut l-attrici kienet kuntenta bl-impjieg li kellu l-Izvezzja, kien jibghatilha il-flus u kien jigi Malta ukoll u kien jara lill-attrici u lill-bintu. Skont hu l-attrici talbitu jiffirma karta sabiex tkun tista tiehu lit-tifal l-isptar meta jkollha bzonn u hu iffirma minghajr ma qara ezattament x'kien hemm miktub. Umbaghad f'daqqa wahda l-attrici bdiet tghid illi ma kellhiex aktar bzonnu u lanqas bzonn flusu u ma hallietux jara lil binthom aktar. Kienet tirrifjuta ukoll ir-rigali li kien jaghtiha u dan gara tard fis-sena 2012. Skont il-konvenut, l-attrici dejjem kienet tkun taf fejn kien jirrisjedi l-Izvezzja u kienet taf ukoll bin-numru tat-telefon tieghu. Kien jibghatilha il-flus u ir-rigali, izda kienet tibghathomlu lura. Sar jaf illi l-permess ta' resident f'Malta kien gie irtirat u ghalhekk huwa ghandu il-problemi kullimkien fl-Ewropa. Ghandu ukoll problemi biex jivvaggja u jhossu urtat illi l-attrici qeghda tghid illi

izzewwigha ghall-konvenjenza, peress illi hu diga' kien Malta u kien jahdem f'Malta, izda hi keccietu minn Malta sabiex ma jistax ikollu viza peress li ma jahdimx Malta u lanqas ma jista jkollu permess ta' resident peress li qeghda titlob li z-zwieg taghha mieghu jigi annullat. B'hekk qeghda tiddistrugielu hajtu u ma thallihx jara iktar lil bintu. Il-konvenut qal ukoll illi ghandu television, washing machine f'Malta u anke l-ghamara tal-kamra tas-sodda u ghalhekk hi trid tiehu kollox li hu tieghu.

Illi l-attrici xehdet in kontro-ezami u qalet illi l-konvenut kien sab xoghol il-lukanda Excelsior ghaliex kienet irrangatlu hi, kif kienet irrangatlu ukoll biex ikollu il-permess biex jahdem f'Malta u anke biex jirrisjedi f'Malta. L-attrici cahdet illi il-konvenut qatt ikkontribwixxa ghar-repayment tal-loan fuq il-post illi hija xtrat f'isimha f'Marsaskala. Hija xehdet illi kienet xtrat il-post ferm qabel ma iltaqghet mal-konvenut u kull ma kien jonqsu kien ftit ghamara ghax kellha ukoll is-salott u il-kcina kompluta u kull ma xtrat kienet kamra tas-sodda wahda. L-attrici cahdet illi l-konvenut kien ghamlilha xi xoghol ta' tikhil jew zebgha fil-post. Qalet illi dan kien ghamilulha il-habib taghha W T. Il-karozza li kellu il-konvenut xtratielu hi u xtrat l-affarijiet tat-tifla kollha hi. L-attrici xehdet illi tiftakar illi hi u il-konvenut kienu marru jkellmu lil Father Walter, l-Arcipriet ta' Wied il-Ghajn sabiex jippruvaw jirrangaw l-affarijiet ta' bejniethom u qalet illi Father Walter kien qalilha illi kellha titlaq lill-konvenut. L-attrici cahdet ukoll illi qatt talbet lill-konvenut sabiex imur jahdem il-Libya biex jaqla aktar flus u insistiet li ma ghandha l-ebda indirizz ta' fejn joqghod il-konvenut, izda kienet taf li mar jghix l-Izvezja ghaliex kienet tircievi xi karti tal-bank u tal-viza. L-attrici tenniet illi il-konvenut kien jibghatilha messaggi u jghidilha illi qieghed jigri f'postijiet differenti biex jaghmel il-business u jixtri il-karozzi. Hija xehdet li lit-tifla qatt ma baghtilha manteniment. Kien baghatilha xi haga peress li kienet qaltu li kienet ser taghmlilha birthday party. Izda qabel ma bdiet din il-kawza odjerna qatt ma baghatilha rigali lit-tifla u issa wara li hi bdiet il-kawza jibghatilha rigal fil-birthday u fil-Christmas, izda qatt ma jibghatilha manteniment u f'erba' snin kull ma baghat flus kienu xi tlett darbiet, darba ghall-birthday party, darba ohra ghall-iskola u ohra sabiex tixtrilha l-uniformi ghall-iskola. L-attrici xehdet illi kienet ghamlet rapport mal-pulizija illi il-konvenut kien abbanduna id-dar matrimonjali u qatt ma ghamlet rapport kontra il-

konvenut mad-Dipartiment tac-Cittadinanza. L-attrici xehdet illi l-ewwel darba li iltaqghu, il-konvenut kien jaf min hi, illi kienet kantanta famuza. Hija xehdet illi hu ried jizzewweg, illi hu ried illi jkollhom tarbija flimkien u illi kien hu li insista li hi tottjeni l-annullament mill-ewwel ragel li kienet izzewget. Hija qalet illi anke qabel ma harget tqila, il-konvenut kien talabha biex tizzewgu u biex tfittex taghmel l-annullament mill-ewwel zwieg taghha.

Illi xehed Joseph Saliba executive officer mal-Employment Trading Corporation, l-ETC u xehed dwar il-konvenut, illi il-konvenut fil-prezent mhuwiex jahdem f'Malta u li l-ahhar darba li hadem kien fit-12 ta' Lulju 2010 meta huwa ha il-leave mix-xoghol, izda qatt ma irritorna ix-xoghol. Huwa esebixxa dokument f'dan is-sens.

**DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI**

Dwar l-ewwel talba, u cioe' dik relatata mat-talba ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[1] fejn gie ritenut li "***Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti***" u zzid tghid li "***Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri…..Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***".

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **T Lea pro et noe vs T Jesmond**[2] u **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[3] fejn gie

[1] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001)

[2] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

ritenut li "***Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***" u zzid tghid ukoll li "***Sabiex tigi promossa t-talba ghas-separazzjoni mhux mehtieg kumulu ta` kawzali, kull wahda mill-kawzali ta' sevizji, it-theddid u l-ingurji gravi hija sufficjenti sabiex jigu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali***".

In vista ta' tali gurisprudenza, il-Qorti taghmel referenza ghall-paragrafi citati, kif ukoll ghax-xiehda imressqa mir-rikorrenti u il-Qorti terga' tikkonferma illi hija moralment konvinta illi il-konvenut irrenda ruhu hati tas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba l-vizzji tieghu illi johrog ma shabu, jixrob, jibqa tard barra, kunfidenza zejda ma nisa ohrajn, minhabba in-nuqqas ta' responsabbilita lejn l-attrici u lejn binthom u kif ukoll minhabba il-karattru qarrieqi tieghu u dana peress illi il-Qorti rat illi irrizulta illi l-konvenut izzewweg lill-attrici sabiex ikun jista' jahdem u jghix f'Malta u kif ukoll fl-Ewropa, kif fil-fatt ghamel meta abbanduna lill-attrici u lill-binthom u mar jahdem u jghix fl-Ewropa minghajr ma mantna lill-familja tieghu.

**<u>DWAR IT-TALBA SABIEX IL-QORTI TAFDA IL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI F'IDEJN L-ATTRICI B'MOD ESKLUSSIV</u>**

Il-Qorti tirrileva illi jirrizulta bl-aktar mod car illi l-konvenut ma ghandu l-ebda interess li jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri. Huwa lanqas talab illi l-Qorti takkordalu il-kura u il-kustodja tal-minuri, izda talab biss illi jara lill-minuri meta jkun Malta. Il-Qorti tirrileva illi fi kwistjoni ta' natura daqshekk delikata dwar minuri din id-decizjoni trid necessarjament tittiehed fl-ahjar interessi tal-minuri u dan qieghed jinghad in linea tal-kawza fl-ismijiet **T Lea pro et noe vs T Jesmond** u **Scicluna Maria Dolores sive Doris vs Scicluna Anthony** fejn gie ritenut illi:

[3] **Deciza nhar it- 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 98/2002)**

"***Il-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika, sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera, u f'dik lokali, hija regolata mill-principju ta' l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess ta' l-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. In konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew meta l-konjugi jisseparaw ruhhom gudizzjarjament, sew meta jigu biex jisseparaw konsenswalment***".

Il-Qorti imbaghad kompliet telabora l-kwistjoni tal-kura u l-kustodja f'kaz li l-genituri tal-minuri ma jibqghux jghixu taħt l-istess saqaf u l-istess Qorti ddikjarat li:

"***Il-kura u l-edukazzjoni tat-tfal, fil-kaz li l-mara ma tibqax tghix mar-ragel, trid dejjem tigi affidata lil dak, fost il-mizzewgin li jigi rikonoxxut bhala aktar adatt u idoneju sabiex jikkurahom u jedukahom, tenut kont ta' l-eta` ta' l-istess tfal u c-cirkostanzi kollha tal-kaz taht dawk il-provvediment li jigu kkunsidrati ghall-vantagg ta' tali tfal***".

Il-Qorti tirrileva li hekk kif il-Qorti tispjega fid-dettal f'din is-sentenza, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi illi huwa fl-interessi supremi tal-minuri Y illi tkun taht il-kura u l-kustodja esklussiva tar-rikorrenti ommha, b'access favur l-intimat meta jkun Malta izda biss jekk 'social worker' ticcertifika lill-Qorti li dan ma jkunx ta' detriment ghall-minuri u dan anke in vista tal-fatt illi l-intimat qatt ma wera interess f'bintu.

Illi fir-rigward tat-tielet u ir-raba talbiet il-Qorti ghar-ragunijiet diga imsemmija qeghda tilqa' dawn it-talbiet kif dedotti;

Illi fir-rigward tat-talba sabiex il-Qorti tiffissa u tillikwida somma adegwata ghall-manteniment ghall-minuri, liema manteniment ghandu jinkludi ukoll l-ispejjes ghas-sahha u edukazzjoni tal-istess minuri, il-Qorti qeghda tiddeciedi illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejn ir-rikorrenti b'mod esklussiv. Allura dan necessarjament iffisser illi l-intimat ghandu jikkontribwixxi ghall-ghexien ta' bintu billi jhallas manteniment ghaliha favur ir-rikorrenti ommha. Dan qieghed jinghad in linea ta' gurisprudenza fosthom il-kawzi fl-ismijiet fosthom il-kawzi fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John** u **T Lea pro et noe vs T Jesmond** fejn saret referenza ghal:

Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi illi :-

"***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom***."

Certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Il-Qorti tirrileva li l-obbligu ghall-manteniment tal-minuri m'huwiex marbut bl-ebda mod ma impjieg jew introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, l-intimat iddikjara li huwa jahdem, izda ma semmiex kemm hu l-introjtu tieghu. Ir-rikorrenti dejjem hadmet u mantniet hi wahedha lill-minuri u issa ir-rikorrenti ser tkompli taghmel hekk stante illi l-minuri ser tghix mal-istess rikorrenti ommha u ser tkun taht ir-responsabbilita esklussiva taghha. Il-Qorti ghalhekk tillikwida il-manteniment dovut mill-intimat ghal bintu minuri fl-ammont ta’ mitejn u

hamsin ewro (€250) kull erba' gimghat, oltre nofs l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni tal-istess minuri u f'dan il-kaz ikun prattiku illi l-Qorti tillikwida dan l-ammont ukoll u ghalhekk qeghda tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti is-somma komplessiva ta' tlett mija u hamsin ewro (€350) kull erba' gimghat, liema ammont ghandu jikkomprendi wkoll sehem l-intimat mill-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri.

Il-Qorti qeghda tilqa' ukoll is-sitt talba u tordna lill-intimat sabiex jhallas lir-rikorrenti din is-somma hekk likwidata kull erba' gimghat fl-ahhar gimgha ta' kull xahar permezz ta' pagament dirett f'kont bankarju illi ghandha tindika l-istess rikorrenti.

Illi fir-rigward tas-seba' talba il-Qorti sejra ukoll tilqa' din it-talba u qeghda tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat iddekada mid-dritt tieghu ta' manteniment minghand ir-rikorrenti peress illi gie ippruvat illi matul iz-zwieg qatt ma wera' interess fil-hajja matrimonjali u qatt ma ikkontribwixxa ghal dan iz-zwieg, jew ghall-manteniment tar-rikorrenti, jew ta' bintu minuri u finalment abbanduna lill-attrici u lill-binthom minuri sabiex mar jghix barra minn Malta u qatt, jew kwazi qatt ma ikkontribwixxa b'ebda mod ghall-manteniment jew tar-rikorrenti jew ta' bintu minuri.

Illi fir-rigward tat-tmien talba sabiex il-Qorti il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li ghandhom jigu assenjati lill-partijiet, il-Qorti rat illi l-konvenut ma ressaq l-ebda provi dwar l-allegat sehem tieghu mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, izda l-attrici xehdet illi l-mobbli li jinsabu fid-dar Malta ghandhom jigu assenjati eskussivament lilha peress illi kienet unikament hi illi xtrat l-affarijiet kollha f'din id-dar; liema dar inxtrat minnha qabel iz-zwieg u ghalhekk hija proprjeta' parafernali taghha. L-attrici xehdet ukoll illi dejjem hallset ir-repayment tal-loan hi, il-konvenut qatt ma ikkontribwixxa, anzi kienet hi li kienet konsistentement kienet taghtih il-flus sabiex johrog jixxala ma shabu u il-konvenut qatt ma ikkontribwixxa b'ebda mod ghal xi mobbli li setghu inxtraw ghad-dar, jew ghal xi haga ohra konnessa mad-dar. Illi l-intimat, minkejja illi iddikjara illi nefaq xi ghamara u television li jinsabu fid-dar tar-rikorrenti, b'ebda mod ma ressaq xi ricevuti jew prova dwar dan u ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara illi fl-assenza ta' tali prova l-oggetti kollha illi jinsabu fid-dar f'Wied il-Ghajn ghandhom jigu kollha assenjati lir-rikorrenti;

Ghaldaqstant wara li wkoll laqghet it-talba tar-rikorrenti ghall-applikazzjoni tal-Artiklu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li zammet lill-intimat bhala l-konjigu responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, qeghda ixxolji il-komunjoni tal-akkwisti bil-mod kif gej :

L-attrici ghandha tibqa thallas il-loan illi hemm fuq il-fond Marsaskala, liema fond huwa proprjeta parafernali taghha u ghandha izzomm ukoll kwalunkwe vettura li ghandha intestata f'isimha, kif ukoll il-mobbli kollha li jinsabu fl-imsemmi fond f'Marsaskala, proprjeta parafernali tal-attrici.

Il-Qorti tordna li d-dejn kuntrattat mill-partijiet ad insaputa tal-parti l-ohra ghandu jigi kopert u imhallas b'mod eskussiv minn dik il-parti li tkun ikkuntrattatu.

Jekk jirrizulta xi kont bankarju f'isem ir-rikorrenti dan ghandu jigi assenjat lilha b'mod esklussiv u illi jekk jirrizultaw kontijiet bankarji, jew investimenti illi ghandhom il-partijiet b'mod konguntiv dawn ghandhom jigu maqsuma b'mod ugwali bejniethom.

Fuq talba taghha, ir-rikorrenti qeghda tigi wkoll awtorizzata tirriverti lura ghal kunjom xbubita u cioe' C.

Illi fir-rigward tad-disa' talba il-Qorti tillikwida l-assi parafernali tar-rikorrenti fis-sens illi ir-rikorrenti tibqa' izomm id-dar f'Wied il-Ghajn illi hija proprjeta parafernali taghha flimkien mal-mobbli kollha illi jinsabu fl-istess fond u ghalhekk tassenja l-imsemmija dar u assi lir-rikorrenti.

Illi fir-rigward tal-ghaxar talba cioe' li tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili il-Qorti diga iddikjarat illi laqghat din it-talba peress illi kien l-intimat illi kien il-konjugu responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg kif diga' intqal.

**DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMAT**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia** deciza fit- 2 ta' Ottubru 2003[4] fejn ghamlet referenza ghal Artikolu 51 tal-Kodici Civili li jiddisponi li:-

"***Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40*** [u cioe' eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment]***, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jghoddu, f'kollox jew f'bicca, id-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu." L-effetti kontemplati mill-artikolu fuq citat ghandhom japplikaw biss f'kaz fejn iz-zwieg ikun tfarrak bi htija preponderanti ta' xi hadd mill-mizzewgin***".

Il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija unikament imputabbli lill-intimat u hija ghalhekk li l-Qorti qieghda tilqa' din it-talba u tapplika l-Artikolu 48 *et seq* kontra l-intimat.

[4] Rik Ġur Nru 98/2002

## Decide

Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi :

1) Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat u tawtorizza lir-rikorrenti tghix b'mod separata mill-intimat;
2) Tilqa' it-tieni talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Y K B C f'idejn ir-rikorrenti b'mod esklussiv b'dan illi l-intimat jekk jirritorna f'Malta ghandu jkollu access ghall-minuri biss jekk jigi ippruvat minn social worker illi tigi imqabbda apposta mill-Qorti illi ma jkun ta' ebda detriment ghall-minuri illi l-intimat ikollu access ghaliha u jekk dan jigi determinat l-imsemmija haddiema socjali ghandha ukoll tiddetermina il-hinijiet u il-modalitajiet ta' dan l-access illi ghandu jkollu l-intimat ghall-minuri;
3) Tilqa' it-tielet talba u tawtorizza lir-rikorrenti tapplika u tintavola d-dokumentazzjoni kollha necessarja, inkluz applikazzjonijiet ghal hrug ta' passaport ghall-minuri imsemmija minghajr il-bzonn tal-firma jew il-kunsens tal-intimat;
4) Tilqa' ir-raba talba u tawtorizza lir-rikorrenti issiefer mal-imsemmija minuri minghajr il-bzonn tal-firma jew il-kunsens tal-intimat;
5) Tilqa' il-hames talba u tillikwida somma ta' tlett mija u hamsin ewro (€350) kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-minuri, liema manteniment jinkludi ukoll spejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri, dan l-ammont ghandu jithallas 'di fermo' sakemm il-minuri taghlaq it-tmintax (18) il-sena, u sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jekk l-istess minuri taghzel li tkompli tistudja fuq bazi "full time";
6) Tilqa' is-sitt talba u tordna lill-intimat ihallas din is-somma hekk likwidata kull l-ahhar nhar ta' Gimgha ta' kull xahar permezz ta' pagament dirett f'kont bankarju li tindika l-istess rikorrenti;
7) Tilqa' s-sebgha talba u qeghda tiddeċiedi li l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu ta' manteniment;
8) Tilqa' it-tmien talba u ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwidaha u taqsamha fis-sens illi l-intimat ma ghandu jiehu xejn u ir-rikorrenti ghandha izzomm id-dar f'Wied il-Ghajn li hija proprjeta' parafernali taghha bil-mobbli kollha illi hemm fiha,

ghandha izzomm kull vettura li hija registrata f'isimha u ghandha izzomm ukoll kull kont bankarju li hemm intestat f'isimha. Hija ghandha thallas il-loan li ghad hemm pendenti fuq din id-dar.

9) Tilqa' id-disa' talba u tillikwida l-assi parafernali tar-rikorrenti fis-sens illi il-Qorti qeghda tiddikjara illi id-dar li hemm f'Wied il-Ghajn hija proprjeta parafernali tar-rikorrenti u ghaldaqstant tassenja din id-dar lir-rikorrenti;

10) Tilqa' l-ghaxar talba u tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

11) Tilqa' il-hdax-il talba u tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' C;

Bl-ispejjez kontra l-intimat b'dan illi r-rikorrenti ghandha temporanjament thallas l-ispejjez kollha konnessi mal-hatra tal-

kuraturi deputati f'din il-kawza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------